MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 5/2004/1

**Anthony u Rita konjugi Cauchi**

**v.**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fit-18 ta' Ottubru 2005 li biha giet michuda eccezzjoni

preliminari moghtija mill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li biha allegat li dik il-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni li tisma’ u tiddeciedi l-kawza u dan skond il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Il-Qorti ta’ l-ewwel grad wara li cahdet din l-eccezzjoni, iddikjarat ruhha kompetenti tkompli tisma’ il-kawza u ddecidiet li l-ispejjez ta’ din is-sentenza preliminari kellhom jibqghu riservati ghas-sentenza finali.

2. Ghall-ahjar intendiment ta’ din il-kawza huwa xieraq li s-sentenza tal-Qorti ta’ l-ewwel grad tigi riprodotta hawn kollha kemm hi billi fiha hemm kontenuti l-premessi u t-talbiet li ressqu l-atturi Anthony u Rita konjugi Cauchi fic-citazzjoni taghhom, hemm l-eccezzjonijiet kollha li resqet l-Awtorita` konvenuta kif ukoll ir-ragunijiet li tat il-Qorti ta’ l-ewwel grad biex waslet ghas-sentenza preliminari taghha. Din is-sentenza taqra hekk:

“Il-Qorti ,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

“Illi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-sebgħa (7) ta’ Ottubru elf disa’ mija tnejn u u disgħin (1992), l-attur kien akkwista mingħand terzi l-fond bla numru magħruf bħala ‘New Building’, fi Triq Iż-Zewwieqa, limiti tal-Qala, Għawdex konfinanti mit-tramuntana mat-triq u mill-irjieħ l-oħra ma’ beni ta’ Joseph Vella u l-Avukat Dottor Victor Bajada;

“Illi dakinhar tal-kuntratt huwa ma ingħata ebda garanzija illi l-fond mibjugħ kien in konformita` mal-permess tal-bini PAPB 2526/1983;

“Illi in effetti dakinhar tal-bejgħ Joseph Vella kien għaddej proċeduri kriminali appuntu talli huwa ma mexiex mal-pjanta u kondizzjonijiet mogħtija lilu mill-PAPB, liema proċeduri ġew deċiżi finalment b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gudikatura Kriminali tad-dsatax (19) ta’ Novembru elf disa’ mija sebgħa u disgħin (1997).

"Illi f'dik is-sentenza l-Qorti sabet lil Joseph Vella ħati iżda '*stante li l-imputat fil-mori tal-kawża kkonforma ruħu fin-nuqqas anke tal-pjanti kif annessi'* il-Qorti kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħamsin lira maltija (Lm50) u ordnatlu '*jibni erba' twieqi minflok Iż-żewġ twieqi kif eżistenti u dan fuq penali ta' ħamsa u għoxrin lira maltin (Lm25) kull jum f'każ illi l-imputat jonqos li jagħmel dan sa żmien xahrejn mil-lum';*

"Illi effettivament kien ġara illi wara li l-fond inbiegħ lill-attur, u qabel ma ingħatat is-sentenza ċitata, huwa għalaq u radam is-sulari kollha mill-livell tat-triq l-isfel sabiex b'hekk huwa jikkonforma ruhu mal-pjanta approvata mill-PAPB, ħlief it-twieqi imsemmija fis-sentenza;

"Illi fiż-żmien mogħti lill-imputat Vella fis-sentenza, l-attur kien ukoll ikkonforma ruħu billi għamel l-erbat'itwieqi minflok it-tnejn eżistenti sabiex b'hekk il-bini ġie in piena konformita` mal-pjanti approvati mill-PAPB;

"Illi sussegwentement, l-attur fi sforz sabiex inaqqas l-impatt viżwali tal-bini tiegħu, kien applika sabiex jgħatti l-ħitan esterni taħt il-livell tat-triq b'ħajt tas-sejjiegħ, Iżda l-applikazzjoni tiegħu ġiet finalment miċħuda b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-sitta (6) ta' Ottubru elfejn (2000);

"Illi pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi llum il-bini tal-atturi huwa mibni skond il-permessi approvati mill-PAPB u skond is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gudikatura Kriminali fuq ċitata, u għalhekk il-bini huwa pienament in regola;

"Illi minkejja dan kollu meta l-atturi talbu ċertifikat mingħand l-intimat li juri illi l-fond huwa mibni in ottemperanza mal-permessi u pjanti approvati lilu, l-konvenut baqa' stinatament jirrifjuta illi jirrilaxxja tali ċertifikat – ċertifikat illi huwa meħtieġ sabiex l-atturi jkunu jistgħu japplikaw għal, u jottjenu s-servizz tal-lucelettrika fil-fond tagħhom, fond illi llum għadu bla numru iżda huwa imsemmi 'Il-Fliegu';

“Illi di piu` issa l-konvenut qiegħed jhedded li jwaqqa’ l-bini tal-esponenti – aġir illi huwa ċertament illegali fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ spjegati hawn fuq.

“Talbu lill-Awtorita` konvenuta tgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“Il-fond ‘Il-Fliegu’, Triq Iż-Zewwieqa, Għajnsielem, Għawdex huwa mibni in ottemperaanza mal-permessi rilaxxjati mill-Planning Areas Permits board relativi u fuq ċitati;

“Konsegwentement tiddikjara illi l-aġir tiegħek illi tirrifjuta illi tirrilaxxja ċertifikat f’dan is-sens huwa wieħed abbużiv u llegali u mhux skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-Att 1 tal-1992;

“Konsegwentement tikkundannak sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi lilek iffissat tirrilaxxja ċertifikat f’dan is-sens;

“Konsegwentement ukoll tinibik definittivament milli personalment, jew permezz ta’ terzi, tieħu jew tagħmel kwalsiasi att sabiex twaqqa’ jew tiddemolixxi l-fond fuq imsemmi jew xi parti minnu, u milli effettivament twaqqa’ jew tiddemolixxi l-imsemmi fond.

“Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni preżentat kontra tiegħek preċedentement għal din il-kawża dwar l-istess meritu, u tal-ittra uffiċjali spedita lilek ukoll preċedentement għal din il-kawża .

“B’riserva ta’ kull azzjoni spettanti lill-atturi għar-riżarċiment tad-danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza tal-aġir abbużiv u llegali tiegħek .

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Anthony Cauchi .

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ta' l-Awtorita` konvenuta li biha eċċepiet illi:

"Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 469 A tal-Kap. 12;

"Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni meħuda u li għandha tittieħed mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija leġittima, intra vires, raġonevoli, valida u legali, u l-uniku aġir illegali w irraġonevoli kien ta' l-istess atturi, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, stante illi huwa ormai ċar u ovvju illi l-korp ta' bini proprjeta' ta' l-atturi m'huwiex munit bil-permessi neċessarji.

"Illi għaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-Awtorita` konvenuta maħlufa minn Mark Cini.

"Rat il-verbal tagħha tal-11 ta' Frar 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni li tirrigwarda l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.

"Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni tagħha l-Awtorita` konvenuta qed teċċepixxi illi din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni stante li skond l-Att I ta' l-1992, il-ġurisdizzjoni f'dawn il-każijiet tinsab fl-ewwel istanza f'idejn il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fit-tieni istanza f'idejn il-Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' liġi deċiżi mill-istess Bord.

“Illi permezz ta’ din il-kawża l-atturi qed jikkontestaw żewġ deċiżjonijiet ta' l-Awtorita` li permezz tagħhom:

“(i) qed tirrifjuta li toħroġ ċertifikat dwar il-konformita` malpermessi tal-bini tal-fond proprjeta` tagħhom indikat fiċ-ċitazzjoni ; u

“(ii) trid twaqqa' l-istess fond minkejja illi dan allegatament huwa mibni in ottemporanza mal-permessi kollha meħtieġa.

“Il-kwistjoni li għalhekk trid tiġi deċiża minn din il-Qorti f’dan l-istadju tirrigwarda d-dritt o meno li wieħed jirrikorri għall-Qorti ordinarja sabiex jikkontesta deċiżjoni mogħtija minn xi organu stabilit mill-Att I tal-1992 li jirregola l-Ippjanar ta’ l-iżvilupp (kif sussegwentement emendata), minkejja li l-istess liġi tipprovdi hija stess dwar ir-rimedji disponibbli għal min ikun irid jikkontesta tali deċiżjoni.

“Ir-rimedji li tipprovdi l-liġi msemmija għall-kontestazzjonijiet meħuda mill-organi tagħha huma, l-ewwel dritt ta' appell quddiem tribunal maħluq għal dan il-fini mill-istess liġi, u ċioe’ l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, imbagħad ċans ta’ appell ieħor quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, imma biss fuq punt ta’ liġi.

“Il-Qorti ta’ l-Appell fuq appell minn sentenza ta’ din il-Qorti kif ippreseduta dwar kwistjoni simili ta’ nuqqas ta’ ġurisdizjoni tal-Qorti ordinarja fi kwistjonijiet dwar deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, fil-kawża fl-ismijiet “**Richard Zammit vs Chairman ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar**” (Citaz. Nru. 99/1998 ; 31.5.2002) qalet hekk:

“*L-eċċezzjoni preliminari tal-appellant dwar in-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti tisma’ u tiddeċidi l-mertu tal-kawża odjerna hija evidentement bażata fuq ir-raba’ subartikolu tal-imsemmi artikolu 469A tal-Kap. 12 . Dan is-subartikolu jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A:-*

***'m'għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jiġi pprovdut dwaru f'xi liġi oħ*ra**.'

*"Bis-saħħa ta' dan is-subartikolu l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jimbarkaw fuq "judicial review" ta' għemil amministrattiv ta' kwalunkwe Awtorita` fosthom ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, tinsab effettivament limitata għal każijet fejn ma jkunx ipprovdut b'xi liġi partikolari mod ieħor ta' kontestazzjoni jew mod ieħor li bis-saħħa tiegħu jkun possibbli l-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi Tribunal speċjali li l-istess liġi jew Qorti tkun ħasbet għalieh.,*

*"Fil-każ odjern hemm liġi speċjali eżattament l-Att Numru I tal-1992 li inter alia, kkrejat makkinarju u proċeduri ad hoc biex wieħed ikun jista' appożitament jikkontesta xi deċiżjoni u/jew xi għemil amministrattiv ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li bihom wieħed seta' ħassu aggravat . Issir referenza hawn għall-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, Tribunal indipendenti, mwaqqaf bis-saħħa tal-artikolu 14 tal-imsemmi att tal-1992. Dan il-Bord ingħata, inter alia, ġurisdizzjoni speċifika li jisma' u jiddeċidi appelli magħmula minn min iħossu aggravat b'deċiżjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar dwar kull ħaġa ta' kontroll ta' l-iżvilupp, inkluż it-twettieq ta' dak il-kontroll . L-istess artiklu jipprovdi li d-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali ħlief dwar punti tad-dritt deċiżi mil-Bord li minnhom ġie appożitament provdut appell lil din il-Qorti ta' l-Appell …..*

*"L-iskop tal-attur appellat li għalieh intavola l-odjerna kawża huwa preċiżament biex huwa jottjeni r-revoka tad-deċiżjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li biha rrifjutat il-ħruġ ta' permess tal-iżvilupp li kien applika għalieh l-istess attur appellat . Inoltre huwa qiegħed jitlob li l-avviżi biex tieqaf u ta' twettieq imsemmija fiċ-ċitazzjoni jiġu revokati mill-Qorti. Issa, l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bis-saħħa tal-liġi speċjali fuq imsemmija, ngħata s-setgħa li, f'termini tal-istess liġi speċjali jinvestiga l-għemil ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, u ngħata s-setgħa mill-istess liġi speċjali li jipprovdi rimedju effettiv għal min ikun aggravat bl-istess għemil jew deċiżjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar . Anzi,*

*f'dan il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mhux biss għandu s-setgħa li jirrevoka d-deċiżjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li biha ġie rifjutat il-permess għall-iżvilupp mitlub mill-appellat iżda wkoll l-istess Bord għandu s-setgħa li huwa stess joħroġ il-permess mitlub, naturalment jekk huwa jkun sodisfatt li dan jista' jagħmlu skond il-liġi.*

*"L-imsemmi subartikolu 4 tal-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati ordinarji mill-ġurisdizzjoni mogħtija lilhom bis-subartikolu 1 tal-istess artikolu 469 A li jistħarrġu ġudizjarjament deċiżjonijiet amministrattivi, fuq fatti u kunsiderazzjonijiet li jkunu diġa' ġew mistħarrġa, jew li jistgħu jiġu mistħarrġa u deċiżi minn Bordijiet jew Tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu jew ġew inkarigati ad hoc mil-leġislatur b'xi liġi speċjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeċidu kwistjonijiet tekniċi jew legali msemmija fl-istess liġi speċjali*".

"Ta' l-istess fehma kienet ukoll il-Qorti ta' l-Appell f'sentenza preċedenti tagħha fuq l-istess kwistjoni fil-kawża fl-ismijiet "John Cauchi vs Chairman Awtorita` ta' l-Ippjanar" (citaz. 250/1997 ; 5.10.2001).[1]

"In vista għalhekk ta' din il-ġurisprudenza, jidher *prima facie* illi safejn din l-eċċezzjoni tolqot l-għemil ta' l-Awtorita` konvenuta, il-qrati ordinarji m'għandhom l-ebda ġurisdizzjoni biex jissindikaw tali għemil. Imma jista' jingħad illi dawn id-deċiżjonijiet japplikaw ukoll għal każ bħal dak in eżami ? Hawnhekk m'għandniex każ ta' appell ulterjuri minn deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar jew minn deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell fuq xi punt ta' liġi deċiż mill-istess Bord, kif jidher li kienu l-kawżi kollha li dwarhom ingħataw id-deċiżjonijiet hawn ċitata dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji . L-atturi mhumiex jikkontestaw deċiżjoni ta' l-Awtorita` li rrifjutat li tagħtihom xi permess għall-bini, fejn allura tapplika neċessarjament l-proċedura kontemplata mil-liġi li tirregola l-istess Awtorita[2] . Huma qed jattakkaw diversi

[1] Ara wkoll Victor Attard vs Chairman Awtorita` ta' l-Ippjanar : Appell : 7.4.03 ; Pietru Pawl Borg et .vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar: Appell : 8.5.03 ; Trimeg Ltd. vs L-Awtorita` ta' L-Ippjanar : PA. 28.1.04 .

[2] Art.15 tal-Kap. 356 (Att I tal-1992) .

azzjonijiet ta' l-Awtorita` konvenuta, illi għalkemm separati huma intrinsikament konnessi ma' xulxin, u li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u ċioe`, kif jispjegaw l-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom[3] :

*"(a) id-deċiżjoni ta' l-Awtorita` illi tinjora għal kollox l-effetti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Kriminali tad-19 ta' Novembru 1997. F'dik is-sentenza ġie deċiż illi l-bini ta' l-esponenti illum jinsab konformi mal-permessi maħruġa lill-awturi fit-titolu tiegħu fuq l-applikazzjoni illi ġġib ir-referenza PB 2526/83 .*

*(b) konsegwentement id-deċiżjoni ta' dik l-Awtorita` illi tirrifjuta illi toħroġ iċ-ċertifikat illi l-bini tiegħu huwa hekk konformi, liema ċertifikat huwa rikjest mill-liġi sabiex il-Water Services Corporation u l-Enemalta jkunu jistgħu jfornu is-servizzi ta' dawl u ilma lill-esponenti .*

*(c) id-deċiżjoni tal-istess Awtorita` illi tipprova twaqqa xi parti mill-bini li jinsab fuq is-sit mertu ta' din il-kawża*."

“Il-każ klassiku kkwotat mill-awturi ingliżi dwar il-ġustifikazzjoni li Qorti ordinarja tista' tirrevedi deċiżjoni amministrattiva huwa: "**Anisminic Ltd. v. Foreign Compensation Commission**" [4] Fi kliem Lord Reid:

"*But there may be cases where, although the tribunal has jurisdiction to enter on the inquiry, it has done or failed to do something in the course of the inquiry which is of such a nature that its decision is a nullity. It may have given its decision in bad faith. It may have made a decision which it had no power to make … . It may in perfect good faith have misconstrued the provisions giving it power to act so that it failed to deal with the question remittted to it and decided some question which was not remitted to it . It may have refused to take into account something which it was required to take into account. Or it may have based its decision on some matter which, under the provisions setting it up, it had no right to take into account. I do not*

[3] A fol. 61 tal-process .
[4] House of Lords : 1969a A.C. 147 .

*intend this to be exhaustive. But if it decides a question remitted to it for decision without committing any of these errors it is as much entitled to decide that question wrongly as it is to decide it rightly*."

“Meta wieħed jgħaddi sabiex jeżamina sa fejn dawn il-prinċipji ġew applikati mill-Qrati tagħna nsibu illi f'diversi okkażjonijiet il-qrati maltin ukoll sostnew il-ġurisdizzjoni tagħhom sabiex jirrevedu deċiżjonijiet ta' tribunali amministrattivi jew ta' bordijiet kważi-ġudizzjarji . Hekk per eżempju, intqal illi :

"*Il-kontroll tal-Qorti … hu limitat f'illi l-Qorti tara jekk il-(Bord) … . ikunx eċċeda l-poteri statutorji tiegħu … u tista' anki tikkontrolla jekk ġewx osservati l-prinċipji tal-ġustizzja naturali*;"[5]

"…. *id-deċiżjoni (tal-Bord) hija sindakabbli mill-Qrati fis-sens biss li dawn jistgħu jindagaw jekk il-Kummissjoni mexxietx l-affarijiet "fairly and honestly*;"[6]

"… *dawk id-deċiżjonijiet (tal-Bord) huma sindakabbli mill-Qrati ordinarji biss, sabiex it-tribunali ordinarji jikkontrollaw eċċess ta' ġurisdizzjoni u jinforzaw l-applikazzjoni tar-regoli ta' ġustizzja naturali*;[7]

"*Ir-regola illi l-Board huwa organikament sommarju li mhux obbligat japplika b'metikoložita` r-regoli tal-Proċedura Ċivili tirrigwarda dawk ir-regoli li huma ta' importanza sekondarja u mhux ir-regoli fundamentali bħal ma hija dik* ***audi alteram partem;*** [8]

*"il-Qrati ordinarji fuq id-deċiżjonijiet tal-Emergency Compensation Board, għandhom sindikat limitat, jiġifieri li huma jistgħu biss jaraw jekk fid-deċiżjonijiet tal-Board hemmx xi ħaġa ultra vires u jekk hemmx xi vjolazzjoni ta'*

---

[5] Pulizija vs Caruana vol. XXXVII. iv. 1147, moghtija fl-1953 .
[6] Cuschieri et noe. Vs Camilleri et. vol. XXXIII. ii. 77, moghtija fl-1947.
[7] Caruana vs Attard vol. XXXV. II. 514 , mogħtija fl-1951 ;
[8] Gollcher vs Higgins vol. XXXIII. i. 506, mogħtija fl-1953 .

*ġustizzja naturali, imma ma jistgħux jissostitwixxu d-dikjarazzjoni tagħhom għal dik tal-Board;"* [9]

“Ferm aktar reċenti nsibu illi l-Qrati tagħna reġa' kellhom l-opportunita` jeżaminaw bir-reqqa din il-kwistjoni . Hekk naraw jintqal illi :

" … *fl-applikazzjoni tal-liġi, il-Kummissjoni Elettorali kif ingħad mhux soġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew Awtorita` oħra." , frazi din ta' l-aħħar, "xi persuna jew Awtorita` oħra" li ċertament tinkludi lill-Qorti ;*

*“Ikkunsidrat b'dan kollu li dan ma għandux ifisser li l-Kummissjoni Elettorali teżordi għal kollox mill-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili : ifisser biss li din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni Elettorali li eżerċitata skond il-liġi.*"[10]

“F'każ ieħor il-Qorti rriteniet illi:

"*Għalhekk mis-suespost titnissel neċessarjament il-konklużjoni illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija doppliċi. F'dawn iż-żewg vesti, il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-liġi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti għandha d-dritt li tissindika, meta tkun hekk ġiet mitluba u adita, li t-Tribunal jaġixxi fil-limiti tal-liġi illi in forza tagħha huwa kostitwit. Evidentement u indubbjament imbagħad, il-Qorti għandha s-setgħa li tara li t-Tribunal bl-ebda mod kiser xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif proprju huwa allegat fil-proċedura in diżamina …*" [11]

“Jirriżulta ampjament minn dan kollu, illi l-Qrati tagħna segwew id-dottrina ngliża wkoll anke f'dan l-aspett tad-dritt amministrattiv u rrikonoxxew illi, minkejja illi l-liġi

---

[9] Sammut vs Bel Malance vol. XXXII. ii. 350, mogħtija fl-1946 .

[10] Michael Vella et pro et noe vs Emanuel C. Farugia noe. Prim'Awla : 13.4.1987 ; vol. LXXI. ii. 646 .

[11] Thomas Montalto vs Maggur Stanley Clews Chairman tat-Tribunal Industrijali et. Prim'Awla: 26.5.1987; ara wkoll fl-istess sens: T. Montalto vs L. Chircop : 18.4.1987; u Salvino Borg d''Anastasi vs Ian De Cesare et noe.: 3.4.1989 .

partikolari tirriserva dritt ta' appell fuq punt ta' liġi deċiż mit-tribunal amministrattiv, il-Qorti ordinarja tista', xorta waħda, tissindika l-operat ta' dak it-tribunal, biex tinvestiga jekk dan issuperax il-poteri leġittimi tiegħu jew osservax il-prinċipji ta' ġustizzja naturali biex wasal għal xi deċiżjoni.

“Huwa minnu illi d-deċiżjonijiet kollha hawn fuq ċitati f'dan is-sens, ingħataw qabel ma ġie introdott l-artikolu 469A fil-liġi proċedurali tagħna . Imma dan l-artikolu ġdid tal-liġi ma għamel xejn ħlief illi kkonsolida l-ġurisprudenza lokali f'dan ir-rigward u taha għamla iżjed formali billi l-prinċipji hemm stabiliti ġew inkorporati fil-liġi tagħna. Hija għalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi s-subinċiż (4) ta' dan l-artikolu ma jeskludix għal kollox id-dritt tal-Qorti ordinarja li tissindika għemil amministrattiv, meta xi liġi speċjali, bħal ma għandha fl-Att I tal-1992, tipprovdi hi stess kif jistgħu jiġu kontestati deċiżjonijiet amministrattivi.

“Permezz tad-dritt ta' appell fuq punt ta' liġi deċiż mit-tribunal, bħal ma għandna fil-każ in eżami, mill-Bord ta' l-Appell ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar għall-Qorti ta' l-Appell, dik il-Qorti hija awtorizzata tissindika biss l-operat ta' dak it-tribunal fl-ambitu tal-liġi partikolari li permezz tagħha jkun ġie istitwit l-istess tribunal. Mhuwiex pero` l-kompitu ta' dik il-Qorti illi tissindika wkoll l-allegazzjoni ta' eċċess ta' poter jew ksur ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali mill-organu amministrattiv li jkun wasal għal xi deċiżjoni partikolari. L-uniku rimedju li jibqagħlu min ikun ġie aggravat b'deċiżjoni allegatament milħuqa bi ksur ta' dawn il-prinċipji, huwa li jitlob lill-Qorti ordinarja sabiex tissindika hija l-operat ta' dak it-tribunal minn dan l-aspett.

“Il-Qorti ordinarja, bħall-Qorti ta' l-Appell fuq appelli minn punt ta' liġi, qatt ma tista' tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tat-tribunal milħuqa fuq il-fatti b'osservanza korretta tal-liġi, imma kif ġie stabilit fl-okkażjonijiet fejn każijiet simili tressqu quddiemha, il-Qorti dejjem irriservat għaliha u qatt ma rrinunzjat għall-poter tagħha illi tannulla deċizjoni simili meta jkun ġie ppruvat sodisfaċentement illi l-organu amministrattiv ikun eċċeda l-poteri tiegħu jew m'osservax il-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

“Fil-każ in eżami fejn l-atturi qed jitolbu li, din il-Qorti tissindika d-deċiżjonijiet ta' l-Awtorita` ta' l-Ambjent u Ippjanar *inter alia* appuntu fuq allegazzjonijiet ta' ksur ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali, u dwar ħwejjeġ illi dwarhom l-atturi qatt ma setgħu jakkwistaw ebda rimedji billi jirrikorru għall-Bord ta' l-Appell ta' l-istess Awtorita`, ma tarax għalfejn hija wkoll, bħal ma ġara fil-każ ta' deċiżjonijiet minn tribunali amministrattivi oħra, m'għandiex tikkonferma illi għandha ġurisdizzjoni u hija kompetenti tieħu konoxxenza ta' din il-kawża, sabiex tinvestiga l-allegazzjonijiet imqajjma mill-atturi.

“Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiddikjara ruħha kompetenti li tkompli tisma’ din il-kawża, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Awtorita` konvenuta, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

“Bl-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.”

**<u>II. L-APPELL</u>**

3. L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (“l-Awtorita` appellanti”) hassitha aggravata minn din is-sentenza u ghalhekk resqet appell minnha quddiem din il-Qorti permezz ta’ rikors ta’ appellipprezentat fis-7 ta’ Novembru 2005. Wara li hemmhekk spjegat ir-ragunijiet taghha li fuqhom kienet qeghdha tibbaza l-appell, l-Awtorita` appellanti talbet li din il-Qorti joghogobha thassar u tirrevoka d-decizjoni msemmija tat-18 ta’ Ottubru 2005 u minflok tilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminari u tichad it-talbiet ta’ l-atturi appellati, bl-ispejjez kontra taghhom.

4. L-appell gie kontestat mill-appellati Anthony u Rita konjugi Cauchi permezz ta’ risposta pprezentata minnhom fid-29 ta’ Novembru 2005. Huma spjegaw ghaliex fil-fehma taghhom is-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbu li din il-Qorti joghogobha tichad l-appell interpost mill-Awtorita` appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

5. F’din il-kawza l-atturi appellati qeghdin jikkontestaw zewg decizjonijiet mehuda fil-konfront tal-fond taghhom imsemmi fl-att tac-citazzjoni mill-Awtorita` appellanti u cioe` decizjoni minnhom li biha giet michuda t-talba ta’ l-appellati ghall-hrug ta’ *compliance certificate* dwar l-istess fond, kif ukoll decizjoni ohra ta’ l-Awtorita` appellanti li kienet tikkontjeni intimazzjoni li taghmel twettieq ta’ kontroll ta’ l-izvilupp in kwistjoni u cioe` li twaqqa’ l-bini ezistenti ta’ l-atturi appellati. Dawn ta’ l-ahhar ma hassewx il-htiega li jesebixxu kopji tad-dokumenti li jikkontjenu dawn id-decizjonijiet ta’ l-Awtorita` appellanti. Lanqas l-ewwel Qorti ma hasset tali htiega nonostante li jidher evidenti li dawn id-dokumenti kienu jkunu ferm utli biex l-attenzjoni tkun iffokata fuq il-veru meritu tal-kawza odjerna.

6. Jirrizulta li precedentement kien hemm diversi proceduri gudizzjarji in konnessjoni mal-fond meritu tal-kawza. Dawn jinsabu elenkati wkoll, ghalkemm b’xi divergenzi, fin-noti ta’ osservazzjonijiet li gew sottomessi mill-kontendenti quddiem l-ewwel Qorti. L-atturi appellati qeghdin jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom dwar il-meritu ta’ din il-kawza fuq sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali fid-19 ta’ Novembru 1997 (ara kopja a fol. 8 tal-process), waqt li s-socjeta` appellanti tistrieh l-aktar fuq diversi decizjonijiet mehuda mill-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar kif ukoll fuq sentenza ta’ din il-Qorti diversement preseduta u komposta moghtija fis-6 ta’ Ottubru 2000, li kopja taghha tinsab esebita a fol. 9 *et sequitur* tal-process. Ghandu jinghad li din il-kopja ta’ din is-sentenza, li giet esebita mill-atturi appellati flimkien mac-citazzjoni odjerna, hija kopja fotostatika li difficilment hija legibbli.

7. Il-kwistjoni kollha bejn il-kontendenti torigina minn fatt li huwa spjegat hekk fin-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-Awtorita` appellanti a fol. 36 tal-process:
“Illi fis-sitta (6) ta’ Gunju 1983, giet sottomessa applikazzjoni mal-PAPB (numru 2526/83) fejn l-applikant kien talab biex jibni ‘detached villa’. Il-permess relattiv inghata fid-dsatax (19) ta’ Awissu 1983. Ma’ l-applikazzjoni relattiva, l-applikant (dak iz-zmien Joseph

Vella) issottometta pjanta tal-bini kif propost (immarkata Dok “A” fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni 27/01 bl-istess ismijiet) u mkien f’din il-pjanta ma gie indikat li l-bini propost kien jinsab fuq sies.

“L-applikant, mhux talli ma nfurmax lill-PAPB dwar idan il-fatt, illi qarraq fl-applikazzjoni tieghu meta fil-fatt indika f’dawn il-pjanti li ma kien hemm l-ebda dizlivelli.”

8. Kif diga` intqal l-atturi appellati qeghdin jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom dwar il-meritu ta’ din il-kawza fuq l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li nghatat fil-konfront tas-sid precedenti tal-fond, cioe` Joseph Vella, kif ukoll fuq l-allegazzjoni kontenuta fl-att tac-citazzjoni illi x-xogholijiet li gew ordnati li jsiru f’dik is-sentenza fil-fatt saru. L-atturi appellati qeghdin jallegaw li l-Awtorita` appellanti kien mistenni minnha li tohrog il-*complience certificate* mitlub minnhom ghaliex din is-sentenza iddikjarat li l-bini huwa in regola mal-permessi.

9. Din il-Qorti hija pjuttost perplessa kif wahda mill-premessi fic-citazzjoni tghid hekk:
“Peress illi sussegwentement, l-attur fi sforz sabiex inaqqas l-impatt vizwali tal-bini tieghu, kien applika sabiex jghatti l-hitan esterni taht il-livell tat-triq b’hajt tas-sejjiegh, izda l-applikazzjoni tieghu giet finalment michuda b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-6 ta’ Ottubru 2000.” (enfasi mizjud)

Madanakollu, jirrizulta mid-dokument esebit mill-istess atturi, cioe` s-sentenza ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Ottubru 2000 illi l-applikazzjoni lill-Awtorita` appellanti ma kenitx sabiex l-atturi jghattu l-hitan esterni taht il-livell tat-triq b’hajt tas-sejjiegh izda precizament:
“*to completely close the two lower basement floors and turn the existing building into a two storey dwelling as shown on plans, sections and perspective.*” (ara fol. 9 tal-process).

Din l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Awtorita` appellanti, liema decizjoni giet segwentement konfermata mill-Bord

ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar, kif ukoll minn din il-Qorti bis-sentenza fuq imsemmija.

10. Jidher car li l-azzjoni attrici ma hija xejn hlief wahda ta’ stharrig gudizzjarju ta’ azzjoni amministrattiva ai termini ta’ l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jirrizulta daqstant iehor car li l-Awtorita` appellanti meta ipproponiet l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha nqdiet bis-sub-artikolu (4) ta’ l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi li tghid hekk:
“Id-disposizzjonijiet ta’ dana l-Artikolu m’ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provdut dwaru f’xi ligi ohra.”

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-Awtorita` appellanti a fol. 36 *et sequitur* tal-process gie spjegat l-iter processwali kollu fejn jirrigwarda l-permessi relattivi ghall-izvilupp in kwistjoni. L-istess Awtorita` irrimarkat illi dan il-process ormai huwa illum maghluq kif ukoll ghalaq iz-zmien moghti lill-atturi sabiex jottemperaw ruhhom ma’ l-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq numru ECF/144/93. L-istess Awtorita` irrimarkat li l-atturi appellati kellhom ghad-disposizzjoni taghhom u fil-fatt uzaw ir-rimedji provduti fl-att 1 tal-1992 u matul dan l-iter processwali gie deciz u determinat b’mod definittiv dak li l-atturi llum qeghdin jergghu jipproponu li jigi investigat fil-kawza odjerna.

11. Il-Qorti ta’ l-ewwel grad ma laqghetx din l-eccezzjoni preliminari billi bazikament irriteniet li l-atturi ma kienux qeghdin jikkontestaw decizjoni ta’ l-Awtorita` li rrifjutat li taghtihom xi permess ghal bini, fejn allura kellu jsib l-applikazzjoni tieghu l-Artikolu 15 tal-Kap. 356, izda hawnhekk dawn l-atturi qeghdin jikkontestaw (skond dik il-Qorti) azzjonijiet li ma jaqghux taht il-gurisdizzjoni tal-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar. Dik il-Qorti esprimiet il-fehma li s-subinciz 4 ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma jeskludix ghal kollox id-dritt tal-Qorti Ordinarja li tissindika ghemil amministrattiv, meta xi ligi specjali bhalma hu l-Kap. 356 tipprovdi hija stess il-procedura kif jigu kontestati d-decizjonijiet amministrattivi. Kompliet tghid li allegazzjoni

ta' eccess ta' poter jew ta' ksur ta' principji ta' gustizzja naturali mill-organu amministrattiv li jkun wasal ghal xi decizjoni partikolari ma jidhlux fil-guristizzjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar u lanqas tal-Qorti ta' l-Appell li tkun qeghdha tirrevedi decizjoni ta' l-istess Bord. Fil-kaz odjern il-kontestazzjoni ta' l-atturi ghad-decizjoni ta' l-Awtorita` konvenuta kienet appuntu fuq allegazzjonijiet ta' ksur ta' principji tal-gustizzja naturali u dwar hwejjeg li dwarhom l-atturi qatt ma setghu jakkwistaw ebda rimedju mill-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar. Sussegwentement iddikjarat li hija kellha kompetenza li tkompli tisma' din il-kawza u ghalhekk cahdet l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita` konvenuta.

12. L-aggravju ta' l-Awtorita` appellanti jikkonsisti bazikament fis-sottomissjoni illi l-kwistjoni dwar jekk l-istess bini meritu tal-kawza huwiex mibni skond il-permessi mahruga mill-PAPB diga` tqajmet u giet deciza mill-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar minn liema decizjoni sar appell minnha quddiem din il-Qorti u liema appell gie wkoll michud. L-Awtorita` appellanti tillanja illi l-Qorti ta' l-ewwel grad ma kenitx korretta meta ddecidiet li kellha l-gurisdizzjoni necessarja li tissindaka jekk l-Awtorita` kenitx eccediet il-poteri taghha jew segwitx il-principju tal-gustizzja naturali ghaliex dawn l-allegazzjonijiet ma kienux jaqghu fil-gurisdizzjoni ta' l-imsemmi Bord. Ghall-kuntrarju l-Awtorita` appellanti ikkontendiet li dawn l-allegazzjonijiet setghu tqajmu quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar u mid-decizjoni dwarhom seta' jsir appell quddiem din il-Qorti ta' l-Appell, billi hawn si tratta ta' punt ta' ligi, izda l-atturi appellati qatt ma resqu dawn l-ilmenti quddiem il-Bord jew quddiem din il-Qorti. L-Awtorita` appellanti osservat ukoll illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Novembru 1997 qatt ma giet sollevata quddiem din il-Qorti ta' l-Appell, li ppronunzjat is-sentenza definittiva taghha sussegwentement u cioe` fis-6 ta' Ottubru 2000. L-Awtorita` appellanti rrimarkat ukoll illi l-imsemmija sentenza ta' gudikatura kriminali, li fuqha l-atturi qeghdin jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom f'din il-kawza, kienet rizultat ta' interpretazzjoni zbaljata li dik il-Qorti tat ghax-xiehda moghtija minn ufficjal ta' l-Awtorita` appellanti

stante li kien car u ovvju li l-Awtorita` qatt ma kienet qalet li Joseph Vella kien ottempera ruhu mal-permessi relattivi apparti l-fatt li Vella ma setax jottempera ruhu mal-permessi relattivi, ghaliex sadattant huwa ma baqax is-sid tal-proprjeta` in kwistjoni. Din is-sentenza ma gietx appellata ghaliex l-Avukat Generali kien ta parir li appell simili ma setax isir. L-Awtorita` appellanti ziedet tghid li r-rifjut taghha li tohrog il-*complience certificate* ma kienx xi decizjoni amministrattiva gdida izda kienet wahda konformi mad-decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar u ta' din il-Qorti ta' l-Appell.

13. L-atturi appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom sostnew li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-lanjanzi taghhom ma kienux jaqghu fil-kompetenza u gurisdizzjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar u li ghalhekk ma kien hemm l-ebda disposizzjoni f'xi ligi ohra illi kienet tipprovdi ghall-mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju kontra l-ghemil amministrattiv impunjat minnhom. Fil-kaz odjern, ikomplu jghidu l-atturi appellati, huma qeghdin jilmentaw mir-rifjut ta' l-Awtorita` konvenuta li tirrilaxxjalhom il-*final compliance certificate* sabiex huma jkunu jistghu jottjenu s-servizz tad-dawl u l-ilma ghall-fond taghhom u mit-theddida ta' l-istess Awtorita` illi din taqbad u twaqqalhom il-bini taghhom. Sostnew li l-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar m'ghandu l-ebda gurisdizzjoni sabiex jindaga u jezamina fuq dawn iz-zewg lamenteli taghhom.

14. Dana l-appell huwa ben fondat. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, il-Qorti ta' l-ewwel grad ma kenitx korretta meta espremiet il-fehma li l-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar ma kellux il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi allegazzjonijiet maghmula minn min ihossu aggravat minn decizjoni ta' l-Awtorita` appellanti fuq il-motiv li din l-Awtorita` eccediet il-poteri moghtija lilha bil-ligi jew li hija naqset li tosserva l-principji tal-gustizzja naturali. Irid jigi enfasizzat madanakollu, li l-meritu ta' din il-kawza ma jidhirx li huwa bazat fuq allegazzjonijiet derivanti mill-imsemmija motivi indikati mill-ewwel Qorti, izda minflok l-allegazzjoni ta' l-atturi appellati f'din il-kawza hija precizament li l-bini taghhom huwa konformi mal-

permessi mahruga mill-PAPB skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta' Novembru 1997 u li konsegwentement ir-rifjut ta' l-Awtorita` li tirrilaxxja l-*compliance certificate* kien wiehed abbuziv u illegali u mhux skond id-dispozizzjonijiet ta' l-att numru 1 tal-1992 kif ukoll li t-theddida li jitwaqqa' l-bini in kwistjoni huwa agir illegali fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Evidentement l-atturi appellati qeghdin jinjoraw ghal kollox id-decizjonijiet u s-sentenzi citati mill-Awtorita` appellata li jirrigwardaw dan il-fond u fejn il-kwistjoni jekk il-fond in kwistjoni hux mibni skond il-permessi rilaxxjati mill-PAPB giet definita. L-atturi appellati jippretendu li dawn id-decizjonijiet u s-sentenzi qishom qatt ma ezistew u qeghdin jitolbu li jsir ezami mill-Qrati Ordinarji biex jistabilixxu mill-gdid l-istess kwistjoni u cioe` jekk il-fond meritu ta' din il-kawza huwiex mibni jew le in ottemperanza mal-permessi rilaxxjati mill-PAPB.

15. Kif diga` ntqal f'din il-kawza l-atturi appellati qeghdin jikkontestaw zewg decizjonijiet ta' l-Awtorita` appellanti li permezz taghhom hija rrifjutat li tohrog il-*compliance certificate* u intimat li sejra twaqqa' il-bini in kwistjoni billi dan m'huwiex mibni in ottemperanza mal-permessi kollha mehtiega. Jekk l-atturi appellati hassewhom aggravati minn dawn iz-zewg decizjonijiet ta' l-Awtorita` appellanti ghaliex kienu jippretendu li l-fond taghhom huwa mibni skond il-permessi relattivi, huma setghu facilment jadixxu l-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar. Skond l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 356 dan il-Bord ghandu s-setgha li jisma' u jiddeciedi appelli minn decizjonijiet ta' l-Awtorita` dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. Ma hemm l-ebda dubju li d-decizjonijiet ta' l-Awtorita` appellanti li huma kontestati f'din il-kawza jidhlu pjenament fil-kompetenza u l-gurisdizzjoni ta' l-imsemmi Bord u konsegwentement l-imsemmi Kap. 356 kien jipprovdi mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju ai termini tas-sub-artikolu (4) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Illi ghalhekk l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita` appellanti hija ben fondata u konsegwentement l-appell hemm lok li jigi milqugh.

16. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fit-18 ta' Ottubru 2005 u konsegwentement tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita` appellanti li l-Qorti ta' l-ewwel grad m'ghandhiex gurisdizzjoni ai termini tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12; u filwaqt li tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-Awotrita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, tordna li l-ispejjez kollha u cioe` taz-zewg istanzi jibqghu a karigu ta' l-atturi Anthony u Rita konjugi Cauchi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------